**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta` Jannar 2017**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**MARK ZAMMIT**

**MARY CASSAR**

**Kump Nru. 245/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Mark Zammit** detentur tal-karta tal-identita numru 83561M u lil **Mary Cassar**, detentrici tal-karta tal-identita numru 175156M, gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin minnkom wkoll jekk fi zminjiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Talli nhar it-3 t'Awwissu 2012 u/jew fil-granet u/jew fil-gimghat jew xhur ta' qabel gewwa l-inhawi ta' Xbiex, u Msida Marina;

1. Volontarjament hassartu u ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq opra tal-bahar bl-isem ta' Sirante liema hsara taccedi l-ammont ta' elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Edward Cassar bi ksur tal-Art. 325 (1)(a); u

2. Ukoll talli, bla hsieb li tisirqu jew taghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercitaw id-dritt li tippretendu li ghandkom gieghltu bl-awtorita taghkom innifiskom, jew

jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkiltu lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indhaltu fi hwejjeg haddiehor;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 12/03/2013 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta ta` llum stess;

**Ikkunsidrat**;

Illi kif irrizulta mil-verbal tas-seduta ta` llum stess, Edward Cassar, l-allegat vittma f’din il-kawza u li kien fuq talba tieghu stess li l-pulizija agixxiet permezz ta` din il-kawza, ddikjara bl-aktar mod solenni illi huwa kien qieghed irrevokkabbilment jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputati u li huwa kien qed jaghzel li ma jixhidx f’din il-kawza.

Din id-dikjarazzjoni ta` Edward Cassar kienet tfisser essenzjalment li l-process huwa u ser jibqa nieqes ghal dak li jirrigwarda l-ahjar prova li setghet tingieb f’dan il-procediment. Id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni, u cioe, l-istqarrijiet rispettivi ta` l-imputati u r-rapporti numru PIRS 1566/2012 u PIRS 1592/2012 ma humiex, wahedhom, bizzejjed ghas-sostenibbilita` ta` l-imputazzjonijiet dedotti.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti ssib u tiddikjara lil Mark Zammit u lil Mary Cassar mhux hatja ta` l-imputazzjonijiet migjubha kontra taghhom u minnhom tilliberahom skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur